**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**

TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 25 – L-Erbgha 05 ta' Novembru fil-17.00hrs**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Sindku |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr.Marc Sant | Minority Leader |
| | Is- Sur Massimo Scerri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, | Kunsillier |

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NR 24 TAL-LAQGHA Ta' 2 t'Ottubru 2014.**

1.1Il-laqgha bdiet bil-qari u l-approvazzjoni tal-minuti nr 24.
1.2Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sinjorina Lorraine Farrugia, minuti nr 24 gew approvati unanimament.

2. ARISING

2.1 IS-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet kif bqajna fuq il-maid tal-Kunsill. Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kif gie deciz fl-ahhar laqgha kellna nitkellmu ma l-Accountant biex naraw nistghux indahhlu maid biex tnaddaf il-Kunsill imma li tkun VAT exempt peress li din tkun tahdem ghal rasha u mhux kumpanija. L-Accountant ikkonfermat li l-Dipartiment kien baghat formola ta' VAT exempt u nistghu nuzaw lilha.

2.2 Is-Segretarju nfurmat li l-ewwel kellmet lill-ahhar maid li nadfet l-Ufficcju tal-Kunsill, imma din irrifjutat. Imbaghad tkellmet mal-maid li kien hemm qabel, lis-Sinjorina Sharon Bedingfield u din accettat li tigi kull hmistax u tithallas 35 euros kull darba.

2.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet ukoll li l-kellna ukoll nistaqsu lill-University Residence biex naraw jekk jibghatulnix maid u din tithallas bhala package mal-kera ta' l-Ufficcju tal-Kunsill.

2.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq x'kien gara mis-sigar li konna tkellimna fuqhom fl-ahhar laqgha dawk tal-Mirakli, Centru Rekreattiv, il-Carob Tree ta' Triq Sant Andrija u s-sigra ta' l-gheneb Sqaq nr 2 Triq Preziosi.

2.5 Is-Segretarju nfurmat li kif kien decis fl-ahhar laqgha biex tintbaghat ittra lill-MEPA biex taghtina direzzjoni fuq dan u r-risposta kienet li dawn is-sigar ma jaqaxhux taht ir-responsabbilita taghhom.

2.6 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill ukoll li hija ukoll kienet tkellmet ma' Dr. Cuschieri ta' l-ELC fejn dan kien irreferina lill-MEPA ghax ikkonferma li ma jistghux jaqilawhom.

2.7 Il-Minority leader, Dr. Marc Sant, informa li kien jaf persuna li gab minn fuq il-Facebook page mill-MELP li huwa Silvio Scicluna 21493170/1 li tkun tista' tghina. Ghandha tigi ikkuntatjat din il-persuna biex naraw kif ser jitnehhew dawn is-sigar iktar milli jigu mizbura.

2.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq is-sigar ta' Ta' Senna fejn frieghi u weraq hargu minn mal-hajt.

2.9 Ghandu jigi imqabbad il-gardinar ta' l-ELC biex dawn il-frieghi bil-weraq jigu imnehhija ghax il-karozzi qed jipparjaw il-barra.

2.10 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet ukoll fuq il-fence tal-Housing Estate peress li r-residenti qed jilmentaw li l-fence huwa maghluq u jekk jaqa xi haga lir-residenti ma' ghandhomx access biex

jigbruha.  Il-problema hija bejn gardina u ohra peress li kien hemm resident li ghamel il-gate u ghalaq  hu personalment.

2.11 Is-Segretarju nfurmat li hija kienet diga tkellmet mal-haddiema fuq dan u huma ikkonfermaw li kien hemm access ghal erba gardini li hemm.

2.12 Is-Segretarju ghandha terga titkellem mal-haddiema fuq dan u tara x'jista jsir.

2.13 Hawnhekk il-laqgha giet sospiza peress li s-Sur Joseph Mangion gie biex jitkellem mal-Kunsill.

2.14 Is-Sur Mangion xtaq irressaq complaint li fil-gnien hemm nuqqas ta'dawl u qed ikun hemm mandra kull fil-ghaxija u anke sar Centru tad-Droga.

2.15 Gie decis li nghollu l-vultagg tal-bozoz u ghandhom isiru reflectors u anke iktar solveljanza mill-Pulizija.

2.16 Hawnhekk, s-Sur Joseph Mangion hareg mill-kamra u d-diskussjoni kompliet bejn il-Kunsilliera.

2.17 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant staqsa lill-Kunsill jekk kienx jaqbel mal-idea tal-Klabb tal-Bocci li jithallew jibnu karma zghira li sservi bhala changing room/toilet fuq wara tal-pitch taghhom.  Qal li meta kien ghadu Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, dan kien qabel li hu jipprepara kitba sabiex dan isir kif suppost, izda din il-kitba qatt ma tlestiet.

2.18 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li ghanda ssir request bil-miktub lill-Kunsill  peress li l-art hemmhekk hija tal-Kunsill.

2.19 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet fuq il-bollards li kellhom isiru f'Tal-Mirakli ghax anke qed isir parking fuq il-bankina.

2.20 Is-Segretarju infurmat li kienet inbaghtet request lit-TM imma dawn iridu jkunu jafu ezatt fejn dawn il-bollards iridu jehlu.  Is-Sinjorina Stephanie Cutajar u s-Segretarju ghandhom imorru 'on site' biex jaraw ezatt fejn.

2.21 Peress li l-Kunsill kien qed jiddiskuti fuq tal-Mirakli, s-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq request ta' Resident minn Tal-Mirakli biex isir 'No Parking bejn is-7.00a.m. u 8.30a.m. fuq naha wahda tat-triq hdejn tal-Mirakli roundabout, bejn il-Kappella u l-Ispizerija ghax qed ikun hemm traffiku kbir kuljum.

2.22 Gie decis li issir request lit-TM bir-ritratti.

2.23 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant tkellem fuq il-Harga li kellha ssir il-Birgu, il-Heritage Malta. Huwa qed jisugerixxi li din issir l-Erbgha is-26 ta' Novembru 2014.

2.24 Il-Kunsilliera iddiskutew kemm ghandu jkun il-prezz ghal din l-attivita peress li l-entratura hija €1 biss imma bit-trasport, snack, te u kafe u printing tal-flyer, il-prezz jitla ghal € 11.

2.25 Is-Sindku, kompliet issostni li fis-sitwazzjoni li qeghdin ma jistax ikun il-Kunsill jissussidja. Min jattendi irid ihallas kollox.

2.26 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssugeriet li l-attivita issir b'kemm ikollok nies it-trasport ikun skond in-numru.

2.27 Fuq il-leaflet ghandu jigi miktub li jekk ma nkunux numru sostanzjali ta' nies (ez 10 minn nies) li jattendu, l-attivita tithassar.

2.28 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant ghandu jikkonferma mal-Heritage Malta li nkunu nistghu nibbukkjaw is-26 ta' Novembru 2014. Kif tigi ikkonfermata d-data ghandna nikkonferaw mad-D Centre Restaurant, Il-Birgu.

2.29 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi kkonfermat li hija tista tattendi ghal din l-attivita imma l-Vici Sindku, s-Sinjorina Stephanie Cutajar ikkonfermat li hija ma tistax.

2.30 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant issugerixxa li forsi ghandna ninghaqdu ma' Kunsilli ohra ghat-trasport ta' l-attivitajiet bhal Hal Balzan, H'Attard u l-Iklin, tinhareg 'expression of interest' jew 'tender' biex ikollna prezz wiehed bhal per ezempju 20 attivita kull sena u jgawdu dawn il-Kunsilli kollha, skond kemm il-attivita jorganizzaw Kunsilli ohra.

2.31 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi flimkien mal-Minority leader Dr.Marc Sant ghandhom jitkellu mas-Sindki ta' dawn il-lokalitajiet fuq din il-proposta dan il-weekend li gej fil-laqgha tas-Sindki u Vici Sindki.

2.32 Is-Sindku, S-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq 3.4 tal-Minuti fejn infurmat li t-tranche tal-Gvern kien gie depositat fis-Savings Account tal-Kunsill.

2.33 Peress li l-Accountant li kellha tigi ghal laqgha biex tipprezenta l-unaudited Accounts bhala preparazzjoni ghall-Interim Audit, ma setatx tattendi, l-Kunsill qabel li ghandna nistednuha nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru fis-6.30p.m. wara l-laqgha li l-Kunsill ser ikollu mal-Perit fuq

Traffic Management li ser tkun fil-5.30p.m. Fuq din l-ahhar laqgha kienet inbaghtet ittra biex il-Kunsill jikkonferma d-data u l-hin.

2.34 Il-Kunsilliera kollha ser jattendu ghal din il-laqgha. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ghada mhiex certa jekk tistax tattendi.

2.35 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru ser jinghataw l-Influenza Vaccine lir-residenti li kienu nkitbu.

**3.0KORRISPONDENZA**

3.1Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li kien kellem lis-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina tad-Dipartiment u nfurmat li l-fondi ta' l-iskema – Festival tac-Citru gew trasferiti lit-Tezor u dalwaqt jigu trasferiti lill-Kunsill.

3.2Is-Segretarju nfurmat ukoll li hija kienet tkellmet mad-Dipartiment li kull darba irreferewha ghand l-Accounts. L-Accounts tad-Dipartiment tawha l-istess informazzjoni li taw lill-Dr Marc Sant li minn naha tad-Dipartiment, ix-xoghol kien kollu lest u issa l-flus ghaddew ghand it-Tezor.

3.3Is-Segretarju nfurmat li kienet iccekkjat mal-Bank u sallum kienu ghadhom ma dahlux fil-kontijiet tal-Kunsill.

3.4Il-Minority Leader Dr.Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsew jekk il-Kunsill jaghmilx uzu mill-Internet Banking. Is-Segretarju nfurmat li kien hemm fis-snin li ghaddew imma issa irridu nergghu napplikaw mill-gdid.

3.5Is-Sindku, nfurmat lill-Kunsill li kien infetah kont iehor tal-Bank fejn ser jigu depositati fondi mir-Regjun Centru. Hija nfurmat li l-fondi jammontaw ghal €4,000 u €1,500 u l-Kunsill irid jiddeciedi fuq liema progett ser jintuzaw dawn il-fondi. Hija kompliet tghid li dawn jistghu jintuzaw fuq il-Mithna billi ssir bankina madwar il-Mithna, l-applikazzjoni tad-dawl u ilma, l-art tal-Mithna u signage. Irridu nistaqsu lill-Enemalta biex jitnehhew il-poles ta' quddiem il-Mithna.

3.6Fil-laqgha tat-Regjun Centru, s-Sindki gew infurmati li ghandu jkun progett shih u mhux bicciet l-hawn u l-hemm.

3.7 Is-Sindku qalet li jekk dawn il-fondi ser jintuzaw ghat-torri irid ikollna l-Bye-Laws lesti anke minhabba il-festivals li ser isiru. Il-bye-law tkun tholl u torbot hafna affarijiet.

3.8 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat li ghat-Torri x-xogholijiet , anke kif qalilna l-Perit, ser isiru biss biex ikun safe.

3.9 Ix-xogholijiet ghandhom isiru mill-haddiema tal-Kunsill, bhac-cirku ta' fuq l-irid jigi marbut.

3.10 Is-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li daqs hames snin ilu, l-Kunsill kien applika mal-Heritage fuq il-progett tat-Torri li kien ser jigi jiswa €100,000.00.

3.11 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li l-BOQ fuq it-Torri mhiex ezatta peress li hija kienet iccekkjat fuqha minhabba l-Measure 125.

3.12 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant fakkar li xi zmien ilu kien mar ta' Dr. Joe Fenech tal-Blokrete u Perit imqabbad mill-Blokrete biex jaraw l-istat tat-Torri. Dr. Fenech kien qal li jkun jista' jiffrankalna l-ispiza ta' €20,000 fuq scaffolding. Izda wara din il-laqgha kien waqaf kollox.

3.13 Fuq il-bye-laws, is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li kienet baghtet lill-Projects Manager biex jiehu ritratti tas-signs li qeghdin imwahhlin bhala reklami. Kull ma sab huma tlieta u sab ukoll signs ta' commercial outlets li mhumiex ta' Hal Lija imma huma ta' H'Attard u imwahhlin Hal Lija. Il-Projects Manager ghandu jerggha jintbaghat fir-rahal ghax zgur hemm iktar reklami minn hekk. Ghandna nitkellmu ma' kull min ghandu sign ta' Commercial Outlet kemm jekk minn Hal Lija u kemm jekk le.

3.14 Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li tat-Torri Confectionery kien staqsa fuq is-sign li huwa jixtieq jaghmel u hemm bzonn li jigi klarifikat il-qis ta' dan is-sign ghax 0.1 metre huwa zghir wisq bhala sign. Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant ghandu jiccekkja dwar dan.

3.15 Il-bye-law ta' l-ghamara tat-toroq, signs ghandhom jitwahhlu anke ma' arblu u ghandhom ikunu well maintained.

3.16 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar hawnhekk qajmet il-punt ghaliex il-Kunsill qed ifittex fuq ix-xoghol tal-Projects Manager meta hu qed jaghmel kwalunque xoghol u li mhux relatat mieghu. Is-Segretarju nfurmat li Dennis qed jigi mqabbad kollox u qed jaghmel kollox.

3.17 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li meta kellha bzonn anke hi, hu mill-ewwel ghamel dak li kellu jaghmel ghalhekk ma ghandix infittxu mieghu. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qablet dwar dan.

3.18 Il-Minority Leader, Dr.Marc Sant informa lill-Kunsill li fuq il-kwistjoni tal-Project Manager huwa kien tkellem ma tlett minn nies mid-Dipartiment imma s'issa ghad ma ghandux twegiba minn ghand hadd.

3.19 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill li kienet baghtet ittra fuq il-librerija biex tara jekk kienx hemm feedback. Is-Sindku qalet li hija kienet tkellmet mal-Headmistress wara z-zewg talks li kienu saru l-iskola kemm biex tirringrazzja u kemm biex tghidilha li jekk ikun hemm xi attivitajiet tat-tfal li l-Kunsill ikunu jista jippartecipa, ghandna nkunu nfurmati. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet jekk tistax taghmel appuntament mal-Headmistress biex titkellem maghha fuq il-librerija. Is-Segretarju ghandha tghaddi l-contact details tal-Headmistress lis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

3.20 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia anke staqsiet fuq il-kotba li kienu fil-librerija. S-Sindku qalet li dawn qeghdin ghand il-University Residence ghax kienu zammewhomna meta kienet ghalqet il-librerija ta' l-iskola. Dan ghandu jigi ikkonfermat.

3.21 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant ,staqsa fuq korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali fuq ftehim kollettiv tal-impjegati tal-Kunsilli Lokali.

3.22 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li dik l-ittra kienet biex tinforma li d-Dipartiment iddeposita €5000 fil-kont tal-Kunsill li kienu dovuti ghaz-zieda tal-Collective Agreement il-gdid, ghall-impjegati tal-Kunsill.

**4.0KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU – LISTA TAL-VIP**

4.1Is-Sur Kevin Formosa xtaq jaghmel request rigward is-sigar tal-Lakacja li qieghdin fi Triq Nazju Cortis li qeghdin jaqilghu l-bankini u tarmac. Ghandu jigi kkuntatjat ukoll is-Sur Silvio Scicluna ta' l-MELP biex naraw x'jista jsir.

4.2 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qed tissigerixi li ssir zebra crossing jew stop sign fejn il-kappella ta' Santa Marija.

4.3 Hawnhekk il-Kunsill iddecieda li jara r-requests kollha li ghandhom jigu diskussi u jinbghatu lit-TM

a. Zebra crossing jew stop sign fi Triq il-Forn hdejn Dun Guzepp Fenech.
b. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tistaqsi jekk sarux id-double yellow lines fil-kantuniera hdejn il-Kappella tal-Mirakli fuq l-sleeping policeman mad-dawra. Dawn ma sarux u ghandna nibghatu request lit-TM.
c. Request ghal stop sign or give way minn Triq Il-Kbira ghal Triq il-Forn jew Triq Sant'Andrija ghal Triq Il-Forn
d. Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qed jisugerixxi li Triq Annibale Preca ssir 'One Way' minhabba l-problemi li hemm. Is-Sur Massimo Scerri ma jaqbilx li din issir 'one way' ghax din tkun ta' inkonvenjent kbir ghar-residenti.
e. Ghandha ssir request ohra lit-TM biex issir bankina f'Mosta Road int u tiela ghal Prezioisi Street hdejn Villa Francia, fuq naha wahda ghal raguni ta' safety ghax ir-residenti ta' Hal Lija ghandhom triq hazina.
f. Tlabna ukoll lit-TM, il-bankina ta' Triq Agostino Portelli ghal safety reasons u din ser jaghmilha l-Gvern mal-kumplament ta' xogholijiet fuq Mosta Road.
g. Ser nitolbu ukoll lir-Roads Department surfacing ta' Triq Gdida, Triq Giuseppe Cali. Kienet diga saret it-talba lir-Roads Department, snin ilu, imma issa ser terga ssir.
h. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia semmiet li l-Kunsill kien iddecieda biex toroq li jmissu ma' Hal Lija bhal Triq Ponsietta, Triq Znuber, Dahlet ic-Cipress u Sqaq it-Tut kollha f'H'Attard, ikunu fil-konfini ta' Hal Lija. Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qal li bhala President tal-AKL hu kien ilu biex jikteb lill-Kummissjoni Elettorali (l-entita li tiehu hsieb dawn l-affarijiet) ghaliex din hija problema komuni f'diversi kunsilli.

4.4 Hawn hekk, is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, qalet li ghaxejn qeghdin niddiskutu dan it-Traffic Management ghax il-gimgha d-

diehla ser ikollna laqgha fuq it-traffiku u nkunu lesti li nressqu d-diffikultajiet u s-suggerimenti tal-Kunsill.

4.5 Irrid isir appuntament mas-Sur Joe Muscat tat-TM biex imorru 'on'site' fuq dawn ir-requests.

4.6 Resident iehor qed jilmenta li hemm skart fi Triq Nazju Cortis biex jitnaddaf. Is-Segretarju ikkonfermat li dan kien diga tnaddaf imma l-haxix rega' kiber u nies qed jergghu jitfghu l-iskart. L-istess resident qed jaghmel request iehor biex jizdiedu d-dustbins. Il-Kunsill qabel li tizdied dustbin wahda.

4.7 Request iehor kien minghand is-Sur Lawrence Fenech rigward hajt imwaqqa' fi Triq Il-Pantar, ta' l-ghalqa tieghu biex il-Kunsill itellaw ghaliex qieghed ta' periklu.

4.8 Hawnhekk, is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li r-risposta li l-Kunsill ircieva minghand it-TM fuq Triq Pantar biex ma tibqax taht ir-responsabilta tal-Kunsill Lokali ta' Hal Lija kienet li Pantar Road trid tibqa taht ir-responsabbilita tal-Kunsill Lokali ta' Hal Lija ghax mhiex Triq arterjali.

4.9 Is-Segretarju kkonfermat li l-hajt mhuiex ta' l-ghalqa biss imma tat-triq kollha ghalhekk dan ir-residenti qed jitlob lill-Kunsill biex itella dan il-hajt.

4.10 S-Sinjorina Lorraine Farrugia kkwotat li sal-hajt li kellna fuq ir-ritratt huwa tal-Kunsill imma li jinbena wara l-hajt huwa tal-Mosta.

4.11 Lir-resident ghandna nghidulu li dan ir-request gie diskuss fil-laqgha tal-Kunsill u ser jittiehed parir fuqhu.

4.12 Request iehor kien minghand s-Sinjura Marthese Gauci li tixtieq li titbaxxa l-bankina ta' quddiem il-garage taghha fi Triq Annibale Preca nr 3 ghaliex tant hija gholja li ma tistax idahhal il-karozza fil-garage.

4.13 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li fuq il-bankina ta' Bronja kellu jsir ix-xoghol sa nofs Settembru imma minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, ma insistejniex biex dan ix-xoghol isir. Din kienet ser tigi tiswa €573 .48. Ingiebet kwotazzjoni ohra minghand Charlo Grech il-kuntrattur ghall-istess bankina u xoghol fuq is-central strip ta' Triq Daniel Sammut. Il-prezzijiet ta' din il-kwotazzjoni huma : il-bankina €450.00 u ic-centre strip ser tigi tiswa €350.00, meta l-bankina waheda kienet ser tigi tiswa kwazi €600.00.

4.14 Ghandu jigi ikkuntatjat il-Kuntrattur Charlo Grech biex ma' dawn ix-xogholijiet jaghmlilna x-xoghol li titbaxxa l-bankina u izzomilna l-istess prezz.

4.15 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita tat-tqassim tar-rigali minn Father Christmas fi zmien il-Milied. Din ser issir nhar it-Tlieta 23 ta' Dicembru 2014 fl-4.00p.m. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia issugerit li ghandu jsir flyer wiehed kemm ghal din l-attivita u kemm ghal-harga tat-tfal f'Dicembru. Gie decis li Cinema Day ssir nhar is-Sibt 27 ta' Dicembru 2014

4.16 Il-Kunsill beda jiddiskuti fuq kemm ser niccargjaw ghal din l-attivita. L-ispejjes involuti huma 250 euros ghal Father Christmas u l-printing tal-leaflets u l-ispejjes tal-van biex igorr ir-rigali.

4.17 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ssugerit li bhal ma gieli ghamilna jistghu jingabru r-rigali mill-Ufficcju tal-Kunsill minghand Father Christmas xorta.

4.18 Is-Sinjorina Stephanie Cutjar ma qablitx li ghandna nitolbu flus minghand ir-residenti ghal dan is-servizz. Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ikkonfermat li hija ser tkun qed issuq fil-van tal-Kunsill bir-rigali tat-tfal.

4.19 Gie deciz li jigi ipprintjat flyer wiehed, black and white flimkien ma' l-attivita tal-harga ghat-tfal fi zmien il-Milied.

4.20 Il-Kunsill iddecieda li l-hlas ghal din l-attivita ikun €2.00 kull indirizz. Ghandu jigi ikkuntatjat il-Funny Farm u naghtu donazzjoni jew ghandna ingibu kwotazzjoni ahjar ta' Father Christmas. Din l-attivita ser issir nhar it-Tlieta 23 ta' Dicembru 2014.

4.21 Is-Segretarju tkellmet ukoll fuq l-attivita ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru fejn ser jigu ir-residenti biex jiehdu l-injection ta' l-influenza u ghal dawn l-ahhar snin konna qeghdin noffru te/kaffe u sandwiches. Il-Kunsill din id-darba ddecieda li ser noffru galletini u ilma ghal din l-attivita.

4.22 Request iehor kien minghand is-Sur Fabio Montebello biex jinzebghu new parking spaces fi Triq Kardinal Ferretti. Ghalissa dawn ghandhom jistennew. Lir-Residenti ghandna ninfurmawh li r-request tieghu ghandha terga tigi diskussa aktar il-quddiem.

4.23 Request iehor huwa ghal parking bays fi Triq Hal Bordi minhabba li hemm hafna entraturi ta' garaxxijiet.

4.24 Ghalissa din ir-request trid tistenna u ssir flimkien mar-request ta' qabilha.

4.25 L-Instructor taz-Zumba Classes qed tistaqsi jekk nistghux nergghu norganizzaw Zumba Classes. L-ispejjes li jinvolvu dawn iz-zumba classes huma ta' €350 ghas-sala, €350 ghal instructor u l-printing tal-leaflets. Il-partecipanti ssoltu jigu iccargjati €20.00 ghal ghaxar lezzjonijiet. Gie deciz li dawn il-lezzjonijiet jistghu isiru f'Jannar u Frar ghalhekk ghandhna nergghu nitkellmu u nikkonfermaw iktar l-ispejjes ghal dawn il-klassijiet.

4.26 Is-Sur Massima Scerri staqsa jekk il-parking f'Annibale Preca Street li kien inzebghah b'zebgha sewda, jekk hux possibli nergghu nizbugh ghax kien inkixef. Is-Segretarju infurmat li zebgha sewda waslet u s'issa saru iz-zebra crossings. Il-haddiema tal-Kunsill iridu jaghmlu dan ix-xoghol.

4.27 Is-Segretarju poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjoni minghand il-Kumitat Festi Esterni ghal Christmas decorations li kienu jammontaw ghal €350.00, €550.00 u €1000 u li ma jinkudux l-applikazzjoni ghal-meter tad-dawl, il-hlas tal-konsum tad-dawl, il-kiri tal-Hi-Up u jekk issir xi hsara lill-armar dan ikun ukoll ghas-spejjes tal-Kunsill.

4.28 Wara li saret diskussjoni fuq din il-kwotazzjoni, s-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi issugerit li ghandna naghmlu dwal fis-sigar mill-Pjazza sat-Torri u l-Kunsill japplika ghal meter. Tista anke issir sigra iva u sigra le bid-dwal.

4.29 Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u ghandu jigi ikkuntatjat Jean Pierre li huwa is-supplier biex jaghtina kwotazzjoni ghal LED's jew bozzoz zghar. Dawn ghandhom isiru mill-haddiema tal-Kunsill u jitwahhlu mal-fanali ukoll. Ghandha titwahhal ukoll IL-MILIED IT-TAJJEB fuq l-Ufficcju tal-Kunsill.

4.30 Is-Sur Robin Zammit jixtieq li jsir patching fi Triq Giovanni Barbara peress li huwa ra li gie mmarkat il-patching tan-neighbour tieghu. Dan ghandhu jsir mal-kumplament tal-patching

4.31 Fuq il-patching, il-Kunsill iddiskuta liema xogholijiet ghandhom isiru l-ewwel. Is-Sindku issugerit li ghandna nibdew min tas-Sinjura Agius ta' Triq Il-Forn. Kompliet diskussjoni fuq dan il-patching peress li mhux il-Kunsilliera kollha qablu li dan ghandu jsir bhala l-ewwel xoghol ta' patching.

4.32 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant ressaq ilment li vicin iz-zona fejn joqghod ezattament hdejn l-arblu faccata tad-dar tas-sur Pule, hemm tumbata li ghandha bzonn tigi illixata. Dan ghaliex tkun dejjem mimlija trab jew tajn skond it-temp u huwa inkonvenjent ghan-nies li jaghmlu uzu minn dik il-bankina. Gie decis li nistaqsu lill-haddiema tal-Kunsill biex naraw x'jistghu jaghmlu dwar dawn ix-xogholijiet.

4.33 Tressqet ukoll request biex il-van tal-kunsill isirlhu service u anke tisewwa t-tieqa tal-passigieri peress li ghada miksura. Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi issugerit li ghalissa ihallu kollox kif inhu. L-problema hija li f'Jannar il-van ghandu l-VRT ghalhekk bilfors irid jitranga u jissewwa sa dak iz-zmien. Is-Sindku ssugerit li ghandna ngibu kwotazzjoni ohra.

4.34 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ghandha iggib kuntatt ta' mechanic iehor.

4.35 Is-Sur Bonnici li joqghod Annibale Preca qed jilmenta li l-bin tal-plastic li ngabar mill-kolletturi ta' Braydon Azzopardi t-Tlieta 9 ta' Settembru 2014 baqghu ma ritornawhx. Is-Sur Bonnici jixtieq li ghandu jigi kompensat ghal dan il-bin.

4.36 Ghandu jigi ikkuntatjat Braydon, il-kuntrattur ta' qabel biex jirritorna jew jikkonpensa l-ispejjes ta' dan il-bin.

4.37 Is-Segretarju ressqet request minghand is-Sur Sammut biex il-Kunsill jaghti 'No Objection' biex titpogga streamer ghal exhibition li ser issir Villa Lia nhar il-Gimgha 7 ta' Novembru sal-Hadd 9 ta' Novembru. Dan l-avviz ghandu jitpogga fil-bidu ta' Vjal Trasfigurazzjoni u f'Annibale Preca quddiem il-Kappella Tal-Mirakli

4.38 Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.39 Request minghand is-Sur Steve Shaw li joqghod Triq Giuseppe Cali jixtieq jaghmel request ghal parking quddiem l-entratura tal-garage tieghu peress li jipparkjaw ezatt mal-garage fuq iz-zewg nahat u anke

jkun hemm parking faccata li jaghmilha difficli biex jidhol u johrog mill-garage.

4.40 Is-Segretarju gibdet l-attenzjoni fuq dan ir-request li din it-triq ghada ‘gravel’ allura ma jistghux isiru yellow lines jew bollard. Is-Sindku issugerit li nitkellmu mat-TM fuq din il-problema imma in the meantime tista titwahhal flexible bollard.

4.41 Request iehor kien ghal double yellow lines fi Triq Merino quddiem dar nr 30 – 31. Dan ir-request gie approved mit-TM u sar minhabba li t-triq tidjieq u minhabba li hija ‘two way’ ma jkunux jistghu jghaddu kemm tal-gas, tal-garbage u karozzi ohra meta l-karozzi jkunu pparkjati.

4.42 Il-Kunsill approva dan ir-request diment li ma jitnaqqas parking space.

4.43 Is-Segretarju poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill request minghand studenta mill-Junior College parti mis-Systems of Knowledge project biex tigi l-Kunsill siegha fil-gimgha biex taghmel il-progett taghha ‘journals fuq l-ambjent tal-Kunsill fiex jikkonsisti’. It-theme ta’ dan il-progett huwa ‘Responsible Citizens’.

4.44 Il-Kunsilliera ma sabu l-ebda oggezzjoni dwar dan.

4.45 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, tkellmet fuq il-laqgha mal-President li saret nhar il-Gimgha 30 t’Ottubru fejn attenda ghaliha ukoll il-Minority Leader Dr.Marc Sant minn naha ta’ l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

4.46 F’din il-laqgha il-President irrikmandat li kull Kunsill ghandu jaghmel attivita ghall-Community Chest Fund. Gie issugerit car wash biz-zaghzagh tar-rahal, jew ingbieghu l-kotba taghom Tisjir mill-qalb. Din tista’ issir per ezempju il-Hadd filghodu wara l-quddies ikun hemm xi volontarji li jbieghu dawn il-kotba.

4.47 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera kollha biex igibu idejat ghal din l-attivita

4.48 Is-Segretarju pogga fuq il-mejda tal-Kunsill il-Memo 27/2014 u l-applikazzjoni ghall-iskema dwar Inizjattivi ta’ Attivitajiet 2014-2015.

4.49 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata mill-Kazin ta’ Sant Andrija biex jiltaqghu maghha wara li din il-Memo tqassmet lill-ghaqdiet kollha.

4.50 Is-Sindku kompliet tghid li ghalkemm din l-attivita tal-Presepju Haj ser tigi organizzata mill-Ghaqda ta' Sant Andrija b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, l-Kunsill irid johrog il-flus hu ghax l-applikazzjoni f'isem il-Kunsill trid issir. Fis-sitwazzjoni li jinsab fiha l-Kunsill mhux daqshekk f'pozizzjoni li jaghmel dan.

4.51 Is-Segretarju esprimit li xorta wahda ghandha certi dubji peress lill-Kunsill irid jidher u mhux l-ghaqda.

4.52 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar esprimit li ma ghandnix intelfu din l-attivita lil din l-ghaqda. Huma naqqsu l-granet ghal din l-attivita li ser isiru nhar l-20, 21, 25, 27, 28 ta' Dicembru 2014.

4.53 L-Ghaqda Sant Andrija jixtiequ li l-Wardens u l-permessi ghal din l-attivita jigu ornati mill-Kunsill u mhux f'isem l-ghaqda ghalkemm l-ghaqda ser thallas ghalihom.

4.54 Is-Segretarju ghandha titlob lid-Dipartiment ghad-Direzzjoni fuq din l-attivita tal-Presepju Haj.

4.55 Min naha tal-Kunsill, il-Kunsill ser japplika bhas-soltu ghal-Festival tac-Citru u l-applikazzjoni taghlaq nhar il-Gimgha 14 ta' Novembru 2014.

4.56 Tqajjmet diskussjoni bejn il-Kunsilliera fuq kemm flus ser jigu allokati peress li s-somma globali hija ta' €10,000 u l-ahhar darba ghal-Festival tac-Citru il-Kunsill gie allokat €2,000 u ghall-Presepju Haj gie allokata €8,000

**5.0LIVE STEAMING**

5.1Il-Kunsilliera ddiskutew fuq il-Live Streaming fejn xi Kunsilliera ma qablux li din issir ghax ser tittiehed il-privacy tal-Kunsill imma ma ghandnix ghazla.

5.2 Biex il-Kunsill jiggwadanja l-fondi allokati ghalija trid issir sa l-ahhar tas-sena imma jekk issir wara l-Kunsill ikollu johrog l-ispiza kollha hu.

5.3Tpoggiet fuq il-mejda tal-Kunsill l-adjudication ta' l-agudikatur fuq il-Live Streaming

5.4Il-Kwotazzjoni li tpoggew fuq il-mejda tal-Kunsill huma ta :

a. Correct Termination Ltd ghal Prezz ta' 2,861.50

b. AID Limited ghal Prezz ta' 4,835.00

5.5 Il-Kunsill qabel unanimament approva l-irhas wahda dik ta' Correct Termmination Ltd.

## 6.0 MOZZJONI IMRESSQA MINGHAND IL-MINORITY LEADER DR MARC SANT SEKONDATA MIS-SINJORINA LORRAINE FARRUGIA

6.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill il-mozzjoni li tressqet minghand il-Minority Leader Dr. Marc Sant sekontata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia fuq il-Kuntrattur il-gdid tal-garbage Collection, il-Waste Collection dwar il-performance tieghu peress li kien hemm hafna lmenti mir-residenti.

6.2 Dr.Marc Sant, filwaqt li qara l-mozzjoni, qal li kellha tinhareg l-ewwel Default Notice filwaqt li qal ukoll li s-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ghazlet li tiddefendi lill-Kuntrattur.

6.3 Din il-mozzjoni giet sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

6.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia kompliet tghid li ghalkemm is-servizz tranga peress li issa l-kollettur qed jigbor f'12.00p.m. xorta kien hemm hafna complaints mir-residenti.

6.5 Is-Sur Massimo Scerri ma kellux kummenti fuq dan.

6.6 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet li fil-mozzjoni fil-parti li giet imsemmija hi ma kienetx qed tirreferi ghal dan il-kuntrattur partikolari imma seta kien kuntrattur li jkun.

6.7 Kompliet diskussjoni fuq din il-mozzjoni ghalkemm is-Sindku pprovat twaqqafa ghax dak il-hin ma kienx hin ghal diskussjoni.

6.8 Is-Sindku, kkumentat li fil bidu kien hemm il-problema imma dan il-kuntrattur ipprova jacevolana ukoll kif kienett ser tesprimi aktar il-quddiem.

6.9 Waqt dan il-hin ghaddejna ghal VOT fuq din il-mozzjoni

6.10 Kien hemm zewg voti favur, il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia u tlett voti kontra, s-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi, s-Sinjorina Stephanie Cutajar u s-Sur Massimo Scerri

6.11 Hawnhekk, Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ghamlet kontra proposta

6.12 Is-Sindku spjegat li dan huwa kuntrattur gdid u l-Kunsill ma kienx ra id-dokumenti minn qabel. Il-hin tas-7.00a.m. kif hemm fuq it-tender, kien kmieni wisq biex ir-residenti johorgu l-iskart kmieni. Il-kuntrattur fehem il-problema ta' Hal Lija u ipprova jacevolana billi jirranga biex jibda jigbor tard bhalma qieghed jigbor issa f'-12.00p.m.

6.13 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant qal li l-mozzjoni ma kienex fuq il-hin imma fuq is-servizz ghax huwa ma jigborx kollox anke fl-istess triq.

6.14 Is-Sur Massimo Scerri issekonda il-kontra mozzjoni tas-Sindku

6.15 Is-Sindku kompliet tghid li jekk il-kuntrattur jirbah tender iehor, il-gbir f'Hal Lija jibda jsir fid-9.00a.m.

6.16 Il-Kunsilliera hadu vot fuq il-kontra proposta fejn kien hemm tlett voti favur – Is-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi, s-Sinjorina Stephanie Cutajar u s-Sur Massimo Scerri u zewg voti kontra – is-Sinjorina LorraineFarrugia, u il-Minority Leader Dr. Marc Sant.

## 7.0KOMUNIKAZZJONI MINGHAND IS-SINDKU

7.1Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq e-mail li giet minghand il-Perit Audrey Testaferrata De Noto fuq direzzjoni tat-traffiku fuq ix-xogholijiet li ser isiru f'Naxxar Road. F'din l-email il-Kunsilliera kellhom jaghtu l-kummenti u suggerimenti taghhom.

7.2Is-Sindku qalet li Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qatt ma kellu jirrispondi hu personali lil Perit Audrey Testaferrata De Noto imma kellu jibaghat il-kummenti tieghu l-ewwel l-Ufficcju tal-Kunsill, imbaghad dawn jintbaghtu mal-kummenti l-ohra tal-Kunsilliera. Hawnhekk Dr. Sant wiegeb li hu kien wiegeb bhala resident li joqghod f'dawk it-toroq u li juza' dawk it-toroq ta' kuljum u mhux f'isem il-Kunsill. Kien ikkopja lill-kunsilliera u lill-Kunsill fir-risposta tieghu sabiex ikunu jafu li kien baghat it-twegiba tieghu u mhux ghaliex kien qieghed jikteb f'isem il-Kunsill.

7.3Is-Sindku pprezentat lista ta' disa postijiet fejn irid isir patching f'Hal Lija. Il-Kunsill irid jiddeciedi il-priorita ta' kif ghandu jsir il-patching

7.4 Is-Sindku issugerit li l-ewwel ghandu jsir il-patching ta’ s-Sinjura Agius nr 97 Triq Il-Forn

7.5 Mhux il-Kunsill kollu qabel ma dan is-suggeriment ghax kien hemm min qal li ma hemmx bzonn ta’ patching f’dan il-post imma minhabba is-sitwazzjoni tas-Sinjura Agius dan ser isir.

**8.0 SKEDA TA’ PAGAMENTI**

8.1 Il-Kunsilliera staqsew ghaliex il-paga ta’ l-iskrivana l-gdida hija iktar minn dik ta’ l-iskrivana l-ohra.

8.2 Is-Segretarju spjegat li peress li l-iskrivana giet impjegata f’Settembru din ma thallasx taxxa u qeghda taghmel tlett sieghat overtime kull nhar ta’ Sibt.

8.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet lill-Kunsill kien qabel li ma jsirx overtime. Ghalhekk l-40 siegha kellhom jitqassmu fuq is-Sibtijiet ukoll.

8.4 Is-Segretarju spejgat li dan kellu jsehh li kieku kellha tibqa’ l-part-timer, fejn ghoxrin siegha kienu ser jitqassmu bejn it-Tnejn u S-Sibt. Il-Collective Agreement ta’ l-iskrivani jghid li l-gimgha xoghol trid tkun ta’ 40 siegha u jekk bil-volonta ta’ l-iskrivana tidhol is-sibtijiet, din taghzel li jew tithallas overtime jew is-sieghat tehodhom time off in iieu.

8.5 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraie Farrugia ma qablux mal-pagament ghal water bowzer u nsistew li tinstab soluzzjoni biex il-Kunsill ma’ jibqax jonfoq daqshekk flus biex jingarr l-ilma meta ghandu daqshekk ilma fil-gibjuni tieghu. Fakkru wkoll li kienet ingabret kwotazzjoni iktar minn sena ilu sabiex fejn il-hsara, tigi trangata. Huma qablu mal-kumplament tal-pagamenti.

8.6 Fuq proposta tas-Sinjorina Stephanie Cutajar sekondat mis-Sur Massimo Scerri il-pagamenti gew approvati.

**9.0 IKTAR HWEJJEG MINGHAND IL-Kunsilliera**

9.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-kwotazzjoni biex jigi rrangat il-Culvert ta’ Vjal it-Trasfigurazzjoni c/w Giovanni Barbara.

9.2 Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li l-costings ghal dan ix-xoghol minghand il-perit kien ta' €8000 euros. Dr. Sant qal li s-sena l-ohra kienet ingiebet kwotazzjoni ghal dan ix-xoghol ghal madwar €450.

9.3 Ghandna nergghu nitkellmu mal-haddiema tal-Kunsill biex forsi tinstab soluzzjoni ghal dawn ix-xogholijiet filwaqt li nergghu nirreferu ghal kwotazzjoni li kient waslet minghand Camray ghal ammont ta' madwar 450 euros

9.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet fuq xi xogholijiet li kellhom isiru imma ghadhom ma sarux

a. Mera f'Merino Street u bollard ghal Mrs Young fi Triq San Licinju. Dawn ghadhom ma sarux minhabba li l-Kunsill qed joqghod hafna attent kif ser jonfoq il-flus.

b. L-isem ta Triq Id-Dejqa – Din ilha ordnata minghand l-Alka Ceramics u kemm il-darba inbaghtu reminders fuqu. Imma issa peress li Triq id-Dejqa daqt tigi asfaltata meta titlesta jitwahhal ukoll l-isem tat-Triq.

c. Ir-railing ta' fuq iz-zuntier tal-knisja. Ir-railing huwa lest imma ghadu ma twahhalx ghax minn naha tal-Knisja ser iwessghu ir-rampa.

9.5 Gie diskuss mill-Kunsilliera l-overpayment li sar lill Polidano Bros fuq il-PPP. Ghandna nistaqsu lis-Sur Silvio Frendo tad-Dipartiment biex jaghtina direzzjoni fuq dan qabel ma niktbu lill Polidano Bros.

9.6 Il-Minority Leader, Dr. Sant fakkar li diversi xhur ilu kien mar on site ma Clayton f'MainStreet hdejn id-dar ta' Liz Camilleri Gowland – li tigi faccata tal-Ministru Zammit Lewis. Dan ghaliex kien qed jingema hafna ilma hdejn id-dar taghha u kien qieghed jikkawzalha inkonvenjent kbir. Talab li l-Kunsill jitlob lill Clayton jekk sarx xi haga fuq hawnhekk.

9.7 Il-Kunsilliera staqsew fuq il-Website fejn waslet. Ghandha niccekkjaw fuqha

9.8 Il-Kunsilliera staqsew fejn kienet waslet il-Measure 125 – Resurfacing ta’ parti minn Trejqet Gakbu Abela.

9.9 Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li ma kienx ghadu ircieva l-approvazzjoni minghand il-Majjistral Action Group ghal ‘extension of time’.

9.10 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qalet ukoll li l-Majjistral kienu qed jaraw ukoll biex forsi inaqqsu naqra l-area li trid tigi asfaltata imma s’issa ma hemm xejn konfermat.

9.11 Is-Segretarju ghandha titkellem ma s-Sinjorina Marisa Marmara biex tistaqsi jekk kienx hemm xi feedback fuq dan biex inkunu nistghu nipprocedu bil-Measure 125.

**TMIEM**

Il-laqgha spiccat fis-20.10hrs intemmet is-Seduta u b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Hamis 27 ta’ Novembru 2014 fl-17.00hrs.

Magda Magri Naudi — Georgette Borg

Sindku — Segretarju Ezekuttiv